**Qorti tal-Magistrati (Ghawdex)**
**Gurisdizzjoni Superjuri**
**Sezzjoni Generali**

**Magistrat Dottor Brigitte Sultana LL.D, LL.M (Cardiff) Adv. Trib. Eccl. Melit.**

**Illum, il-Gimgha, 26 ta' Frar 2021**

**Rikors Guramentat numru:- 46/2020 BS**

**Allan Arun Rayer**

**vs**

**Direttur tar-Registru Pubbliku Ghawdex u b'digriet tat-3 ta' Frar 2021 giet kjamata fil-kawza Jeva Antoine Rayer**

**Il-Qorti;**

**Rat ir-rikors guramentat ta' Allan Arun Rayer fejn ppremetta:**

1. Illi l-attur Allan Arun Rayer twieled fil-hamsa u ghoxrin (25) ta' Marzu tal-elf, disa' mija, tmienja u tmenin (1988) gewwa St. Joseph Hospital, Pondicherry, l-India, bir-registrazzjoni numru C/1988/00632 (kopja tac-certifikat anness bhala dokument 'A').

2. Illi l-esponenti zzewweg lil Ieva Kungyte, detentrici ta' karta tal-identita' Maltija bin-numru 181388A, nhar il-sebgha (7) ta' Lulju tal-elfejn u tmintax (2018) gewwa s-Sanap Cliffs, Munxar, Ghawdex, u dan skont ma jirrizulta mill-att taz-zwieg bir-referenza numru tnejn u disghin zbarra elfejn u tmintax (92/2018), hawn anness u mmarkat bhala dokument 'B'.

3. Illi fuq dan l-att taz-zwieg, l-esponenti fil-kolonna ntestata bhala isem huwa gie mnizzel bhala "Allan Arun Rayer" u fil-kolonna ntestata bhala kunjom huwa gie mnizzel bhala "Antoine Rayer", meta fil-verità u skont anke ma jidher mic-certifikat tat-twelid tieghu anness (ara dokument A) l-isem tieghu shih huwa "Allan Arun Rayer".

4. Illi l-kuncett ta' kunjom jew isem tal-familja ma jezistix fl-Indja u l-ulied jinghataw ismijiet biss. Dan jirrizulta wkoll kemm mil-licenzja tas-sewqan u mic-certifikat tar-registrazzjoni (Form 23A), kopja ta' liema qed jigu hawn annessa bhala dokument 'C'.

5. Illi cio nonostante meta l-esponenti ghalaq it-tmintax (18)- il-sena w minhabba l-fatt illi huwa per se m'ghandux kunjom, gie mnizzel fuq il-passaport (anness dokument 'D') fil-kolonna ntestata isem bhala "Allan Arun Rayer" u fil-kolonna ntestata kunjom bhala "Antoine Rayer", b'dana illi allura ismu shih gie jaqra "Allan Arun Rayer Antoine Rayer".

6. Illi ghalhekk minhabba din l-anomalija l-esponenti gie awtomatikament moghti bhala kunjom l-isem shih missieru.

7. Illi dan l-izball gie ripetut fuq ic-certifikat taz-zwieg tieghu fuq riferit, dak bin-numru 92/2018.

8. Illi l-passaport (kopja annessa dokument D) indikat aktar qabel gie kancellat b'dana illi l-passaport il-gdid tal-esponenti (li kopja tieghu qed tigi hawn annessa bhala dokument 'E') gie jirrifletti r-realtà w cioe' illi fil-kolonna ntestata isem gie jaqra "Allan Arun" u fil-kolonna ntestata kunjom bhala "Rayer".

9. Illi d-dokument ta' residenza Maltija tal-esponenti tirrifletti din il-bidla fil-passaport, kopja annessa bhala dokument 'F'.

10. Illi l-attur irid illi kemm ismu u kif ukoll kunjomu jigu kkorreguti b'tali mod illi fejn jinkorri l-isem "ALLAN ARUN RAYER" dan

ghandu jigu sostwit bl-isem "ALLAN ARUN", u kif ukoll fejn jinkorri l-kunjom "ANTOINE RAYER" dan ghandu jigi sostitwit bil-kunjom "RAYER".

11. Illi l-attur irid illi jsiru d-debiti korrezzjonijiet fuq l-att taz-zwieg relattiv b'tali mod illi dan jigi jaqbel mar-realtà u l-verità u dan stante illi l attur qed ikollu diversi problemi meta jipproduci kopja ta' dan l-att taz-zwieg.

12. Illi dan ir-rikors guramentat qed isir u qed jigi kkonfermat bil-gurament minn l-attur Allan Arun Rayer li ghandu konoxxenza vera u proprja tal-fatti suesposti.

**Talab lil dina l-Onorabbli Qorti:**

1. Tiddikjara li l-att taz-zwieg bin-numru tnejn u disghin zbarra elfejn u tmintax (92/2018), relattiv ghaz-zwieg ta' bejn l-esponenti u Ieva Kungyte, huwa skorrett fis-sens fuq spjegat.

2. Konsegwentement tordna d-debiti korrezzjonijiet tal-att fuq imsemmi billi kull fejn jinkorri l-isem "ALLAN ARUN RAYER" dan ghandu jigi sostitwit bl-isem "ALLAN ARUN", u kif ukoll KULL fejn jinkorri l-kunjom "ANTOINE RAYER" dan ghandu jigi sostitwit bil-kunjom "RAYER".

Bl-ispejjez kollha u bl-ingunzjoni tal-konvenut minn issa ghas-subizzjoni.

**Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku illi eccepixxa:**

1. Illi preliminarjament, a tenur tal-Artikolu 254 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta, qabel is-smiegh tal-kawza, b'ordni tal-Qorti ghandu jigi ppubblikat avviz fil-Gazzetta tal-Gvern;

2. Illi mir-rikors jidher illi r-rikorrent qieghed jitlob korrezzjoni tal-att taz-zwieg tieghu.

3. Illi l-bidla jew korrezzjoni ta' isem taht l-artikolu 253 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta m'hijiex xi mizura ordinarja li hija miftuha ghall-inizjattiva diskrezzjonali tal-individwu. Ghall-kuntrarju din ix-xorta ta' azzjoni hija mizura straordinarja ghal skopijiet pubblici ntiza esklussivament biex telimina mill-imhuh tan-nies kull possibilita' ta' konfuzjoni u dizordni dwar l-identifikazzjoni ta' dak jew dik l-individwu. Kwindi l-awtorizzazzjoni gudizzjali ta' bidla fl-isem m'ghandhiex tigi koncessa ghaliex ir-rikorrenti sempliciment tixtieq tbiddel isimha, izda tali awtorizzazzjoni ghandha tinghata biss jekk jirrizulta li din mehtiega assolutament ghall-esigenza pubblika;

4. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, l-esponenti m'huwiex edott mill-fatti li gew dikjarati fir-rikors guramentat u fid-dokumenti hemm mehmuza;

5. Illi finalment u dejjem minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponenti jissottometti li fi kwalunkwe kaz, l-azzjoni tar-rikorrenti m'hijiex attribwibbli ghal xi ghemil jew nuqqas ta' agir da parti ta' l-esponenti, u kwindi huwa m'ghandux jigi assoggettat ghall-ispejjez tal-kawza stanti.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez.

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Rat li fit-22 ta' Jannar, 2021 l-attur talab li ssir il-pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern.

Rat li fit-28 ta Jannar, 2021 l-attur talab il-kjamata in kawza ta' martu u dana ghall-integrita' tal-gudizzju liema talba ma kenitx opposta mill-konvenut.

Rat illi fit-12 ta' Frar, 2021 l-attur ipprezenta nota li permezz taghha pprezenta affidavit tieghu u iehor ta martu.

Rat illi l-pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern kif tikkontempla l-ligi saret.

Rat illi fis-seduta tat-12 ta' Frar, 2021 il-partijiet iddikjaraw li ma fadlilhomx aktar provi .

Rat illi fl-istess seduta il-kawza thalliet ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat.**

Illi l-attur fir-rikors qed jaghmel din it-talba ai termini tal-artikoli 253 *et sequitur* tal-Kodici Civili li jaghti dritt li kull persuna taghmel talba gudizzjarja ghall-korrezzjonijiet u registrazzjoni ta' ismijiet tal-atti tal-istat civili.

Mill-atti jirrizulta li d-debita pubblikazzjoni ai termini tal-artikolu 254 saret.

Illi mill-provi jirrizulta wkoll bl-aktar mod car illi l-attur jismu Allan Arun Rayer. Jirrizulta li anke l-passaport li ghandu d-data ta' skadenza 11 ta' Frar, 2029, li kopja tieghu hija esebita a fol 9 tal-process, l-isem huwa "Allan Arun" u l-kunjom huwa "Rayer". Il-kopja tad-dokument ta' residenza Maltija, esebit a fol 10 tal-process jirrifletti l-istess isem. L-uniku dokument li jgib isem differenti huwa l-Att taz-Zwieg, esebit a fol 5 tal-process. Isem missieru huwa Antoine Rayer.

Wara li l-Qorti fliet l-Artikoli precitati u in vista tal-fatti esposti kif ukoll fid-dawl li ma kien hemm ebda oppozizzjoni da parti tal-konvenut ghat-talbiet ta' l-attur tqis li t-talbiet ta' l-attrici ghandhom jigi milqugha.

Billi ma jirrizultax xi tort jew nuqqas da parti tal-konvenut allura dan m'ghandux ibati spejjez.

**Decide.**

**Ghaldaqstant ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddeciedi l-kawza billi tilqa' t-talbiet attrici in toto.**

**L-ispejjez ta' din il-kawza huma a karigu ta' l-attur.**

(ft.) Dr. Brigitte Sultana
Magistrat

(ft.) Maureen Xuereb
D/Registratur

Vera kopja

D/Registratur